# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 10 ta' 2023, miżmuma nhar it-22 ta' Awwissu 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| Stephen Gatt | Balzan LC | Membru Delegat |
| Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| Alfred Grima | San Pawl il-Bahar LC | Membru |
| Chris Grech | Mosta LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Clifford Galea Vella | | President |
| Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3.1 Komunikazzjoni tal-President;
4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;
5.1 Kumunikazjoni –
6.1 Rapporti;
7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;
- 7.1.1 Waste Update
  - i. Waste ,management Course
  - ii. Printinmg of posters and stickers
  - iii. Indis (Mosta)
  - iv. Bring in sites
- 7.1.2 Enviorment Update
  - i. Clean Ups
  - ii. Energy {Performance Cestificate
  - iii. SPB Traffic Impact Assessment
  - iv. Animal Welfare
- 7.1.3 Progetti
  - i. Caristas – Adolescent Paths
  - ii. October Eu Projerct/visit
  - iii. SPI/SCI/10/22 – Latrini
  - iv. New Bank Account – Eu Funds - Horizon
- 7.1.4 EU Cities and Regions week
- 7.1.5 Staff CPD

---

Il-Laqgħa nfetħet fil-17:00 mill-Viċi President, is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Trevor Fench, John Buttigieg, Chris Grech u Clifford Galea kienu skużati.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 9 miżmuma fit-18 ta' Lulju 2023 ittieħdu bħala moqrija.
Paul Vella ippropona li jkunu approvati. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni.
Il-membri qablu unanimament.

Alfred Grima staqsa rigward 3.1 – EU Regions and Cities week. Huwa qal li Paul Vella kien korrett meta qal li d-deċiżjoni ma kelliex tinbidel u fuq il-propjeta` tan-Naxxar, huwa qal li din

kien hemm deċiżjoni ukoll u m'għandhiex tinbidel. Bl-istess argument ma ghandiex tinbidel id-decizzjonijiet mehuda dwar li l-ufficini tar-regjun ikunu parti mic-Centru Civiku f'San Pawl il-Bahar diment id-decizzjoni ghada invigore.

Paul Vella qal li d-deċiżjoni fir-rigward ta' propjeta`, id-deċiżjoni tar-reġjun kienet li jappoġġja lill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar u għandu jikkonsidra li jmur f'din il-propjeta`, iżda mhux li ddeċieda li jmur f'din il-propjeta`. Fir-rigward tal-propjeta` fin-Naxxar, ir-Reġjun ikkommetta biss li jmur jaraha u jesplora l-possibilta` ta' din il-propjeta.

Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet, ħlief li ssir żjara ta' dan il-post, u l-ispjegazzjoni ta' Paul Vella kienet sodisfaċenti u korretta.

Anne Marie Muscat Fenech Adami staqsiet fuq il-live streaming, fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien talab lil IMU tal-Kunsilli biex jagħtih iktar informazzjoni fuq is-sistema u direzzjoni.

## - 3.1 Komunikazzjoni mil-President

Is-Sinjura Muscat Fenech Adami qalet li l-AKL waslet fi ftehim mal-Idea Academy sabiex isiru numru ta' korsijiet li jkunu koperti sa' 70% mill-fondi tal-Malta Enterprise. L-AKL qed tissuġġerixxi lill-Kunsilli biex jagħmlu skema għall-ħaddiema u membri biex tgħin f'forma ta' self għat-30% l-oħra.

Il-card tal-bank kienet waslet u tista tintuża. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jipreżenta rapport tal-infieq meta din tintuża.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

## 5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mill-AKL rigward il-budget fuq l-għalf tal-ħamiem. Din tgħid li l-budget allokat għal dan il-għan kien spiċċa u biex jaraw il-Kunsilli kif ser jaħdmu. Fuq dan il-att, kien hemm mistoqsijiet jekk jistgħux jinqatlu l-ħamien. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jivverifika fuq dan, u ssuġġerixxa lill-membri li ssir by-law kontra l-għalf tal-ħamiem, bħal ma hemm il-belt. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab iġib kwotazzjonijiet fuq sterilizazzjoni tal-ħamiem.

Proposta tal-Korijiet – Ir-Reġjun irċieva proposta biex jittella' festival tal-korijiet tal-Milied f'Diċembru li ġej. Il-proposta ta' Leon Promotions, ippreżentata, turi li l-knejjes prinċipali tar-reġjun ikunu użati, u titlob l-għajnuna biex isir dan. Saret diskussjoni, fejn xi membri staqsew x'ser ikun qed jiġri r-reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-għajnuna tkun fil-forma ta' trasport għal dawn il-korijiet, ikel u xorb, u ktieb tar-Reġjun lil kull kor. Mistoqsi jekk ir-Reġjun hux ser ikun qed jgħin biex jitwasslu Malta dawn il-Korijiet, jew inkella fl-akkomodazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn l-ispejjeż huma mħallsa mill-



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

parteċipanti u mhux mir-Reġjun. Stefan Cordina ippropona li r-Reġjun jipparteċipa f'dan il-festival u jgħin fih. Il-membri qablu unanimament u vvutaw fond ta' €10K għal din l-għajunua. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab iġib kwotazzjonijiet għat-trasport, u jikkoordina dawn direttament.

Ittra minn Sqallija rigward festival tal-isport. Il-membri iddiskutew proposta fejn club Taljan (Sqalli) jixtieq itella' festival sportiv ġewwa l-lokalitajiet tat-Tramuntana. Numru ta' Kunsilli huma nteressati li jipparteċipaw. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jitkellem mal-Kunsilli individwali fuq dan il-festival.

Indis – Mosta – Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar korrispondenza li r-Reġjun irċieva fuq nuqqas ta' ġbir ta' skart fiż-żona ndustrijali tal-Mosta li taqa' bħala Kategorija B għal Indis. Chris Grech qal li din iż-żona hemm residenti fiha apparti l-industrija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li flimkien ma' Aderemi Baderinwa, żamm laqgħa mad-diriġenti ta' Indis fejn ħareġ li din iż-żona hija Zona Industrijali li hija Kategorija B, iġifieri, żona fejn hemm żvilupp industrijali privat u art mhux tal-gvern. Huwa spjega li Indis ma toffri l-ebda servizz hemm u lanqas iddaħħal xi kera minn fuq l-industrija. Chris Grech ippropona li r-Reġjun jikteb lill-Ministeru biex Indis tintalab tibda tieħu ħsieb din iż-żona, fejn jidħol ġbir ta' skart u tindif tat-toroq. Alfred Grima issekonda din il-mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament.

Alfred Grima staqsa dwar il-Proġett ta' CIF fejn ir-Reġjun intalab jirrifondi lura l-flus li kien għaddielu d-DLG. Huwa qal li mill-korrispondenza li hemm, jidher li r-Reġjun qatt ma ppreżenta rapport u naqas biex ilesti dan il-proġett. Huwa qal li r-Reġjun tilef Ewro 63,598.40 u talab spjegazzjoni ċara dan. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab ilesti rapport fuq dan il-proġett.

Insurance – Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-proposta tal-insurers preżenti li lesti jġeddu l-polza fuq l-istess kundizzjonijiet tas-sena ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jara iġibx 3 kwotazzjonijiet għal dan is-servizz qabel ma jġedded il-polza. Anne Marie Muscat Fenech Adami pproponiet li l-ewwel jinġabu 3 kwotazzjonijiet. Stephen Gatt issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Estenzjoni tal-Leave - Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-leave sheet tiegħu u talab li jestendi numru ta' siegħat ta' leave għas-sena d-dieħla, skond id-direttivi tal-PSMC. Il-membri aċċettaw li dawn is-siegħat jimxu għas-sena d-dieħla.

## 6.1 Rapporti

#

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;**



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**7.2 Waste Collection –**

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Aderemi Baderinwa jagħti rendikont fuq is-sistema ta'l-iskart. Dan qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' mal-kuntrattur u ftiehmu li dan ser jiprovdi sal-aħħar tax-xahar id-dvr, work plan, insurances, stickers u affarijet oħra. Huwa ppreżenta talba biex isiru numru ta' posters A4 li jkunu qed jitqassmu fil-ħwienet u postijiet simili. Ippreżenta abbozz ta' dan il-poster. Il-membri qablu unanimament li dan isir.
Ippreżenta wkoll talba biex issir sticker ġdida, li fuqha tkun tista tinkiteb id-data. Il-membri iddiskutew, iżda ma qablux ma' din it-talba.

Skips u bring-in-sites. Aderemi spjega li kien bena lista ta' dawn u eżamina l-kuntratti. Huwa qal li ma hemmx provediment għal min irid inaddaf l-akwati ta' dawn is-siti, u allura qed jispiċċa l-Kunsill iħallas għal dan is-servizz. Huwa qal li hemm bżonn li dan in-nuqqas ikun indirizzat fil-kuntratt il-ġdid.

**7.5 Proġetti – Caritas.**

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Elisa Frosi tagħti rendikont fuq il-proġetti. Frosi ippreżentat talba ta' għajnuna mill-Caritas li jixtiequ l-għajnuna tal-Kunsilli għal proġett ġdid tagħhom. Hija qalet li dawn talbu l-għajnuna biex titqassam l-informazzjoni ta' dan il-proġett, isiru stickers u materjal ieħor. Elisa Frosi intalbet iġġib iktar informazzjoni fuq dan il-proġett.

Rural Youth Of Europe - Frosi qalet li l-laqgħa li jmiss għal dan il-proġett ser tinżamm f'Malta f'Ottubru. Hija qalet li ġabet numru ta' kwotazzjonijiet għas-servizzi u talbet lill-Kunsilli biex jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

Preżentat ukoll proposta ta' proġett ġdid – NEB – li jitratta fuq serie t' attivitajiet, mal-komunita` fuq l-ambjent. Il-membri qablu li r-Reġjun japplika għal dan il-proġett.

Kont ġdid tal-bank għal proġetti Ewropej. Is-Segretarju Eżekuttiv u Elisa Frosi talbu li r-Reġjun jiftaħ kont ġdid tal-Bank biex jintuża speċifikament għal-proġetti Ewropej. Dan kien mitlub mill-UE stess. Il-membri ddiskutew u qablu unanimament li jinfetaħ dan il-kont.

Anne Marie Muscat Fenech Adami ipproponiet li titwaqqaf il-laqgħa sabiex issir preżentazzjoni fuq l-istudju ta' SIA mill-UOM. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni u l-laqgħa twaqqfet. Wara li l-laqgħa nfetħet, il-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jitlob laqgħa mal-UOM biex jiddiskuti s-sample size u l-figuri tal-popolazzjoni ppreżentati fl-istess rapport.

**7.4 – Ambjent -**

**7.1.6**



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 163 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Alfred Grima ivvota kontra. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 26 ta' Settembru 2023, fis-sitta ta' filgħaxija.

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 26 ta' Settembru, 2023



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt